# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tal-erbgħa u għoxrin (24) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar l-Erbgħa 20 ta' April, 2010 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Rose Roberts Kunsillier
Stephen Mizzi Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti intbgħatu fil-ħin u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti tal-laqgħa 23 ġew approvati mis-Sur Salerno u s-sekondati mis-Sur Joe Carbone.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku beda biex qal li ix-xogħol tal-latrina mexa ġmielu u li baqa' biss l-aperturi u l-komunikazzjoni tas-servizzi bħal drenaġġ, dawl u ilma. Ir-rampa u l-bankina ġie miftiehem li ssir mil-ħaddiema ta' l-IPSL.

4.2. Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-Kunsill il-ġdid u qal li issa jagħti stampa aktar ċara is-Sur Carbone.

4.3. Is-Sur Salerno qal li il-ftehim ma' tal-health department qiegħed jiġi ffinalizzat sabiex jużew il-binja tal-komunita fi Triq Danny Cremona bħala mental clinic għal nies li ibgħatu minn stress.

Dan il-ftehim għandu jkun lest fil-jiem li ġejjin.

4.4. Is-Sindku feraħ lis-Sinjura Lourdes Diacono li rebħet il-kompetizzjoni tal-ganutell li ittellet fil-Kunsill u biex b'hekk rebħet vjaġġ għal tnejn għal attivia li ser issir f'Rousset ix-xahar id-dieħel. Mas-Sinjuri Diacono ser ikun hemm preżenti wkoll il-Viċi Sindku Joseph Carbone. Din l-attivita ser tkun iffinanzjata mil-Kunsill ta' Rousset b'permezz tal-fondi Ewropej.

Is-Sur Carbone issuġġerixxa li dak in-nhar li jitilgħu Franza jippreżenta xi ħaġa lil Kunsill bħala tifkira ta' l-okkażjoni.

4.5. Rigward il-progett ta' Pjazza Żernieq li applikajna għalih permezz tal-Miżuri 313 u 323 is-Sindku qal li kellna oġġezzjoni mil-KNPD il-għaliex il-bankina m'hijiex konformi mar-regoli tagħhom. Il-Perit għandu jieħu ħsieb li jirranġaha skond dawn ir-regoli.

4.6. Is-Sindku tkellem rigward il-GAL XLOKK u qal li hemm proposti sabiex jitkabbar il-grupp ta' kunsilli fi ħdan il-GAL XLOKK. Is-Sindku qal li l-GAL XLOKK ser japplika għal fondazzjoni biex niġu rikonoxxuti. Hu kompla u qal li bgħatilhom note ta' pjantazzjoni u irridu naraw kif it-tlett miljuni jiġu mqassma mal-Kunsilli li hemm preżenti bħalissa. Imbgħad il-Kunsilli li jidħlu ġodda jieħdu mil-budget li jmiss. Għalissa ikunu bħala osservaturi.

4.7. Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra daħlulu ilmenti u sema' huwa stess b'widnejh storbju provenjenti mil-hanger tal-Medavia fil-ħemda tal-lejl. Hu qal ukoll li ċemplulu saħansitra mit-times sabiex jieħdu aktar informazzjoni. Ġie proponut li delegazzjoni mil-Kunsill tmur tiltaqa' mal-Medavia u naraw kif ser nitteekiljaw magħhom din il-problema għax ħadd mhu qiegħed jieħu inizzjattiva.

4.7. Is-Sindku enfasizza mal-Kunsilliera fuq is-sehem tagħhom li importanti li jkunu on-time u għalinqas jibgħatu risposta u mhux ma jagħtux każ. Jew inkella min ma jkunx available f'tali żmien tajjeb li jiddikjaraha u mhux nibqgħu imdendlin.

Is-Sindku qal ukoll li minħabba f'hekk tlifna proġett tal-Youth Exchange għaliex għadda ż-żmien.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

5.1. Is-Sur Carbone qal li fil-pjazza hemm ħafna skart goff barra l-iskips li jinkludi kannestri, jericans, u tappijiet tal-plastik tajjeb li nieħdu ħsiebha.

5.2. Is-Sur Carbone kompla u qal li ilu ħafna jibki sabiex nirranġaw il-bankina ta' Triq San Ġwann. Din għandha bżonn biss li ssirilha rampa fit-tarf għal nies bil-pushchairs jew wheelchairs. Is-Sindku qallu li dik hija kwistjoni delikata u ilna nitolbu lit-Transport Malta biex

jagħmluha imma kollu għalxejn. Hu qal ukoll li issa kiteb ukoll lis-Sur Joe Camilleri u qallu biex ikellem lill-Perit David Vassallo. Dik ma nistgħux nagħmluha aħna minħabba li hija perikoluża u ma jaqblilnix nerfgħu responsabilta hekk kbira.

5.3. Is-Sur Carbone qal biex inkellmu lil ħaddiema ta' l-IPSL biex nieħdu ħsieb ir-refreshing tal-lines miċ-ċimiterju, triq il-Lewżiet, Triq iż-Żebbiegħ, Triq San Benedittu, il-qalba tar-raħal, Triq San Pietru, u Triq Danny Cremona.

5.4. Il-Viċi Sindku tkellem fuq il-binja tal-Kunsill u qal li issa ix-xogħol għaddej b'ritmu tajjeb u qal li il-madum huwa mbassar li jkun lest il-ġimgħa d-dieħla. Il-Wireing u tranking isfel lest u minn nhar il-Erbgħa li ġej ser jibdew fuq.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Is-Sur Mizzi beda biex qal li rigward il-bandli huwa iċċekkja xi prezzijiet u qal li huma ferm irħas milli kienu jinxtraw minn Malta. Huwa kompla u qal li bħala bandli ser jibqgħu l-istess b'differenza li jinbidlilhom is-seat għal wieħed tal-plastik. Apparti minn hekk jiġi installat ukoll wieħed għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Ukoll ser ikollna installat kastell mil-isbaħ ta' l-injam kif ukoll oġġetti oħra għal attrazzjoni tat-tfal.

5.2.2. Is-Sur Mizzi tkellem fuq il-kompetizzjoni tal-ganutell u qal waqt l-aġġudikazzjoni kienu huwa u s-Sindku Salerno.

Rigward l-istess ganutell u crafts Stephen issuġġerixxa, fuq proponiment ta' l-għalliema stessa li ikollna korsijiet tal-ganutell u crafts u li jkunu self contained. L-għalliema trid €11.65 kull siegħa u għalhekk is-somma tinqasam bejn kemm ikollna studenti.

5.2.3. Is-Sur Mizzi qal li l-proġett tal-ground ser jibda dalwaqt u qal li ser jaqilgħu il-ħamrija. Is-Sindku qalbu xi ħamrija u Stephen qallu li mhux problema basta li jgħidlu kemm irid.

5.2.4. Is-Sur Mizzi tkellem fuq il-bins ta' Pjazza Żernieq u qal li jaqbel mal-proposta li tqajjmet li nieħdu l-bins il-kbar fejn jaraw l-ajruplani u dawk ta' flokhom, iż-żgħar jitqiegħdu fi Triq l-Imdina viċin Triq il-Fieres.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.3.1. Is-Sinjura Roberts qalet li kellha laqgħa mal-health promotions rigward keep fit classes tal-Gvern. Dawn il-keep fit classes ser isiru fiċ-Ċentru Soċjali kemm għall-irġiel kif ukoll għan nisa pero iridu jkunu over wieght bil-bodu mass index aktar minn 25.

L-avviżi u l-applikazzjonijiet ser jieħdu ħsieb kollox huma. Il-klassijiet ser isiru filgħaxija u ser jibda jkun hawn 2 klassijiet fil-ġimgħa.

Bħala kunsilli applikaw sitta inklużi aħna u ser ikunu fuq bażi reġġjonali minajr l-ebda ħlas. L-Applikazzjoni pero trid issir mil-Kunsill u f'każ li japplikaw iktar mil-massimu tal-klassi jinżammu fuq lista ta' riserva.

**5.4. Stqarrija tal-Kunsillier Nadia Zammit**

5.4.1. Is-Sinjorina Nadia Zammit qalet li maż-żgħażagħ applikaw għal proġett ieħor b'tema tad-diskriminazzjoni tas-sessi u fostna ser ikollna nies transesswali ukoll minn l-Armenja.

**6. Affarijiet oħra**

5.1. Ftuħ ta' l-expression of interest ta' l-attivita Irkotta Fest.

Is-Segretarju qal li kellna tlett offerti li kienu tal-Każin San Ġużepp, tal- Każin San Leonardo u ta' l-Għaqda Kulturali Kirkop.

Il-Każin ta' San Ġużepp niżżel li għall-attivita ser jipprepara ravjul, torti u kannoli.

Il-Każin San Leonardo iddikjara li ser ikollu kannoli, platt Malti bil-gbejniet u irkotta, kif ukoll tipi ta' għaġin bl-irkotta u pastizzi.

L-Għaqda Kulturali Kirkop ser tieħu ħsieb l-istalls ta' l-inbid u ser itellgħu play ta' 25minuta –il waħda.

Il-Kunsill qabel li ta' l-Għaqda Kulturali ma' l-inbid iridu jippreparaw xi ħaġa bl-irkotta mhux inbid biss.

Is-Segretarju ipprepara ukoll il-kwotazzjonijiet tas-security u il-Kunsill iddeċieda li tingħażel tal-Kavallier Security Services minħabba li hija l-irħas.

Is-Sur Mario Camilleri qal li l-ikel ser ikun fil-pjazez. Is-Sur Mizzi issuġġerixxa li ikollna wirja tal-muturi fi Triq il-Kbira pero s-Sur Camilleri ma qabilx minħabba li mhux bit-tema ta' l-irkotta.

Is-Sur Mizzi qal ukoll li jekk il-Kunsill itiħ il-kunsens huwa jista jqabbad lil xi ħadd iġib bouncing castle bħala attrazzjoni għat-tfal. Il-Kunsill qabel ma' dan.

Is-Sindku tkellem fuq il-mementoes li ser jiġu ppreżentati dak in-nhar tal-Ħadd 23 ta' Mejju. Dawn il-mementoes ser jitqassmu lil persuni distinti li kkontribwew għal din l-attivita, nies li għadhom ħajjin u li għandhom x' jaqsmu ma' l-irkotta.

## 7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti

Il-pagamenti għaddew kollha. Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

## 8. Konklużjoni

8.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**